MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Numru. 1507/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**vs**

**John Fenech ta’ 35 sena, bin Alfred u Mary Grace nee` Spiteri, imwieled Pieta` nhar it-12.05.1972 u residenti no. 5. ‘Sunrise’, Triq id-Demnuq, Siggiewi, detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 212772(M)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra John Fenech u cioe` talli gewwa Hal-Luqa matul ix-xhar ta’ Novembru 2007 u fix-xhur ta’ qabel b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda; u cioe`

Talli ikkommetta serq ta’ diversi memory cards, mobile phone ta’ l-ghamla Apple I-Pod, zewg nuccalijiet ta’ l-ghamla Dior, MP3 player u digital camera minn gewwa l-fond United Parcel Service li jinsab Hal-Luqa, liema serq huwa kwalifikat bil-“valur” li jaccedi Lm100 izda ma jaccedix Lm1000 u bil-“persuna” u dan sar ghad-dannu ta’ Attard & Co, Carlo Ragonesi, id-dirigenti tal-United Parcel Service u/jew persuni ohra;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatu zmien jirrikonsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl ta’ l-ammissjoni mghamula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena l-Qorti sejra tiehu in kunsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, il-fedina penali netta tieghu, il-fatt illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija, iddispjacieh ta’ l-akkadut u anke irrezenja mill-post tax-xoghol tieghu.

Ghaldaqstant il-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 261( c ) (d), 267, 268 u 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ l-atti u s-sentenza jintbghatu lill-Avukat Genrali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------